# BALLUN F'IDEJN ALLA

Kien hemm trejner tal-futbol li xtara żewġt iblalen biex it-tfal jittrejnjaw bihom fin-nursery. Kuljum kienu joħorġu l-blalen mill-armarju u erħilhom it-tfal jagħtu fihom. Daqqiet qawwija, passaġġi, xuttijiet mal-ħajt, bewsa qabel il-penalty.

Wieħed mill-blalen għejja f'din il-ħajja, dejjem ilaqqat ġo fih, dejjem ituh bis-sieq.

Xtaq kieku jeħles minn din il-ħajja. Għalhekk darba minnhom



intefa' f'saqajn tifel jgħidulu l-bombardier. Spiċċa fuq bejt ta' dar fejn it-tfal ma setgħux jirkuprawh. U hekk il-ballun mitluf ħaseb li kien sab il-paċi. "Issa nistrieħ" qal bejnu u bejn ruħu.

Imma ġiet ix-xemx tisreġ. Il-plastik tal-ballun kważi nħall bis-sħana. Wara ftit tilef l-arja u sar moxx. Il-qoxra tiegħu bdiet tqarmeċ. Beda jitħarrek ftit meta ġiet l-ewwel xita. Il-ballun l-ieħor kompla jinżel fil-grawnd ta' kuljum, dejjem f'idejn u saqajn it-tfal. It-tfal kienu jgħidulu, "Ċaw ballun, niltaqgħu għada".



Ħajjitna għandha minn ta' dawn il-blalen. Hemm min jieħu gost ikun ballun dejjem ilaqqatha imma jħossu utli. U hawn min irid ikun ballun komdu mitfugħ fuq bejt, għall-kwiet. Imma dan it-tip ta' kwiet mhu xejn ħlief inkwiet u qirda.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**AVVIŻ DWAR DFIN FIĊ-ĊIMITERJU TAL-ĦNIENA DIVINA:** Navżaw li fl-oqbra mhux privati (imsejħin tal-komun), wara sentejn se jitħarrku l-fdalijiet ta' ġo fihom sabiex ikun jista' jsir dfin ieħor li jinqala' minn żmien għal żmien.
Dawk il-persuni li għandhom jew 'il quddiem ikollhom lil xi ħadd midfun f'xi qabar minn dawk imsemmijin fuq, u jkunu jridu jittrasferuh għal ċimiterju ieħor jew ikunu jridu jixtru qabar, huma mitlubin ikellmu lil min hu responsabbli fl-Uffiċċju Parrokkjali, qabel ma jsir it-trasferiment.
Fil-każ li jkunu jridu jżommu l-fdalijiet tal-mejtin tagħhom f'xi kaxxa fil-kannirja, il-qraba huma mitlubin javżaw b'dan u jipprovdu kaxxa jew borża meħtieġa meta jkunu avżati.

**L-AVVIŻI:**

**ĠIMGĦA MUSEUMINA - MUSEUM SUBIEN NADUR**

**It-Tnejn 7 t'Awwissu:** 8:00pm - Quddiesa ta' Radd il-Ħajr. Iqaddes Dun Micheal Said

**It-Tlieta 8 t'Awwissu:** Jum It-Tfal: Quddiesa fit-8:30am fil-Museum u mbagħad ġurnata logħob fil-grawnd

**Il-Ħamis 10 t'Awwissu:** 8:00pm - Siegħa Adorazzjoni, immexxija minn Kan. Dun Joe Cardona

**Il-Ġimgħa 11 t'Awwissu:** 8:30pm - Play dwar San Ġwann Bosco: *Ħolma li sawret Ħajja*

Kulħadd huwa mistieden għal dawn l-attivitajiet.

**VOLONTARJAT FIL-GWATEMALA:** Fr Mark flimkien ma' tliet żgħażagħ, Brittany Attard, Maria Camilleri u Dr Rebekah Scerri, se jkunu qed iżuru l-missjoni ta' Dun Anton Grech fil-11 t'Awwissu. Min jixtieq jgħin billi jagħmel xi offerta għall-missjoni jista' javviċina lil xi ħadd minnhom. Fil-quddiesa tal-11:00am tal-Ħadd 30 ta' Lulju nġabret is-somma ta' €1,010. Grazzi lil kull min għen.

**ĊELEBRAZZJONI DJOĊESANA FIL-VĠILI TAT-TLUGĦ TA' MARIJA FIS-SEMA**: nhar it-Tnejn 14 t'Awwissu. Din il-Velja, bil-Quddiesa, se tinżamm fuq iz-Zuntier tas-Santwarju Ta' Pinu u tibda fit-8:00pm. Se titmexxa mill-Isqof Anton Teuma. It-trasport jitlaq minn ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali fis-7:15pm.

**SKEDA TAL-GĦOTI TAD-DEMM FIL-BERĠA TAX-XEWKIJA MATUL IX-XAHAR T'AWWISSU:** nhar it-Tlieta 8 u t-Tlieta 22 t'Awwissu, mis-1:00pm sal-5:00pm u l-Ħadd 13 u l-Ħadd 27 t'Awwissu mit-8:00am sas-1:00pm Il-karta tal-identità u l-maskra huma meħtieġa.

**MILL-COP26**

F'kunċert mużikali li sar fl-okkażjoni tal-COP2 fi Glasgow ftit snin ilu, il-kantanta Patti Smith qalet dan il-kliem: "If we turn away from nature...she will turn on us. In place of the songbird we'll hear the shrill cry of the locust, devouring the harvest...the terrible crackling of the rainforest, the peatland smouldering".
Din il-kantanta tfakkarna dak li jgħidu l-għorrief: "Alla jaħfrilna dejjem, il-bnedmin jaħfru xi drabi; imma n-natura ma taħfrilna qatt meta neħduha kontriha".

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am